**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 57/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Patrick Spagnol**
**(ID 23082M)**

**Illum, 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Patrick Spagnol**, iben Anthony u Teresa nee` Vella, imwieled Pieta` fl-4 ta' Diċembru 1981 u joqgħod fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, jew Block J, Flat 6, Qasam Ħal-Tmiem, Żejtun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 23082(M);

Akkużat talli fis-7 ta' Ottubru 2010 u żminijiet qabel waqt li kien fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF) u f'dawn il-gżejjer:

1. Biegħ jew xort'oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvidementi tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi mressqa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat jinsab akkużat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2010, huwa traffika r-raża tal-*cannabis*, kif ukoll talli kien fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan waqt li kien jinsab detenut fil-Faċilita` Korretiva ta' Kordin. In sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

i. Ix-xhieda tal-**Ispettur Spiridione Zammit**, liema xhieda fil-maġġor parti tagħha tirreferi għal tagħrif li x-xhud ottjena mingħand uffiċjali oħra tal-pulizija dwar il-każ odjern wara illi nhar is-7 ta' Ottubru 2010, għall-ħabta tal-5.00 p.m., il-pulizija ta' Raħal Ġdid ġew infurmati mill-*control room* illi fil-ħabs kienet għadha kemm instabet sustanza kannella suspettata *cannabis* fuq il-persuna ta' Patrick Spagnol, ossia l-imputat odjern u dan wara li l-istess imputat kellu viżita ma' ħutu, Sandra u

Doreen Spagnol, kif ukoll ma' ommu Tereża. Dwar il-każ infetħet inkjesta. L-Ispettur Zammit jgħid illi huwa kien ottjena stqarrija mingħand l-imputat odjern nhar it-8 ta' Ottubru 2010, liema stqarrija ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-istess jum. Sussegwentement, ġiet arrestata Sandra Spagnol, u rrilaxxjat stqarrija fl-istess jum. L-Ispettur Zammit esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat odjern[1], dikjarazzjoni tal-istess imputat li fiha rrifjuta li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu[2], u rapport tal-pulizija dwar dan il-każ[3]. L-istess Spettur Zammit esebixxa wkoll Dok. SZ5, konsistenti "*f'filtered calls datati bejn l-1 ta' Ottubru 2010 sas-7 ta' Ottubru 2010 liema calls kienu maghmula fuq land line 21667416*".[4] Skont ix-xhud, il-*filtered calls* oriġinaw mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u ġew mgħoddija lilu minn Clint Zahra li, fiż-żmien in kwistjoni, kien jaħdem il-ħabs u li tahom lix-xhud waqt l-investigazzjoni dwar dan il-każ. L-imsemmi Clint Zahra baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri.

ii. Ix-xhieda ta' **PS 1495 Joseph Muscat** li jgħid illi nhar is-7 ta' Ottubru 2010, għall-ħabta tal-4.15 p.m., huwa kien ġie infurmat mill-ħabs illi nstabet sustanza fuq priġunier. Jgħid illi huwa mar fuq il-post u tkellem mal-priġunier, ossia l-imputat odjern. Ix-xhud ikkonferma r-rapport esebit mill-Ispettur Spiridione Zammit bħala Dok. SZ3.[5]

iii. Ix-xhieda tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, nominat fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu, mil-liema jirriżulta illi huwa kien ingħata s-segwenti għall-analiżi tiegħu: *Envelope* kannella immarkat bħala 07-10-2010 CCF Inmate Patrick Spagnol ID Card No. 23082(M) 3/F/10621 2010 li fih (i) 2 biċċiet żgħar ta' sustanza kannella li kienu ġo *aluminium foil* (ii) pakkett ta' lewn blu bil-kliem *Old Holborn* li fih tabakk u *filters* u (iii) pakkett ta' lewn aħdar ta' *cigarette papers*. Skont l-istess relazzjoni, fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fl-istess dokument, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piż tas-sustanzi kien ta' 1.45 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 10%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.[6] Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-istess espert indika *inter alia* illi s-sustanza in kwistjoni kienet raża tal-*cannabis*.[7]

[1] Ara Dok. SZ2, a fol. 15 sa 17 tal-proċess.
[2] Ara Dok. SZ1, a fol. 12 tal-proċess.
[3] Dok. SZ3, a fol. 13 u 14 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit tinsab a fol. 9 sa 11 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 75 u 76 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 25 sa 27 tal-proċess.
[6] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 22 sa 24 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 19 sa 21 tal-proċess.

iv. Ix-xhieda ta' **John Muscat**, Deputat Reġistratur, li esebixxa proċess verbal rigwardanti sejba ta' allegata droga fuq il-priġunier Patrick Spagnol nhar is-7 ta' Ottubru 2010 immarkat bħala Dok. JM2 u x-xhieda ta' **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, li esebiet l-istess proċess verbal, kif ukoll proċess verbal ieħor dwar stqarrija ġuramentata ta' Patrick Spagnol, immarkat bħala Dok. OD1.[8]

v. Ix-xhieda ta' **CO 168 Mark Briffa** li jgħid illi nhar is-7 ta' Ottubru 2010, għall-ħabta tal-3.45 p.m., għamel *rub down search* fuq l-imputat odjern, wara li dan kellu żjara, u fil-pakkett tas-sigaretti kellu xi ħaġa suspettuża ta' lewn kannella imdawwra fil-*foil*. Ix-xhud jgħid, meta mistoqsi, li ma kienx jaf min kien mar iżuru għaliex "*ma kontx hemmhekk, jiena*".[9]

iv. **Sandra Spagnol** għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri sabiex ma tinkriminax ruħha u dan stante illi kien hemm kawża pendenti fil-konfront tagħha.[10]

vi. L-espert **Dr. Martin Bajada**, maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex jagħmel traskrizzjoni tat-telefonati f'Dokument SZ5 u jistabilixxi s-*subscriber* tal-*landline* 21667416, esebixxa r-relazzjoni tiegħu li tikkontjeni t-traskrizzjoni tat-telefonati kontenuti fl-imsemmi dokument.[11]

vii. Ix-xhieda ta' **PS 171 Karl Glanville**, maħtur fil-mori tal-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer*, li esebixxa r-relazzjoni tiegħu, flimkien ma' faxxikolu fotografiku konsistenti fi tliet ritratti.[12]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fis-seduta tal-5 ta' April 2018, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex ma tieħux konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, esebita a fol. 15 u 17 tal-proċess, u sabiex tiskarta l-istqarrija ġuramentata tal-istess imputat, a fol. 120 *et seq* tal-proċess u dan stante illi huwa ma kienx assistit minn avukat, kemm waqt l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll waqt ix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.[13] F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni oġġezzjonat u dan stante illi l-imputat ngħata l-

---

[8] Ara a fol. 102 sa 119 tal-proċess.
[9] A fol. 59 sa 62 tal-proċess.
[10] A fol. 79 u 80 tal-proċess.
[11] Din tinsab esebita a fol. 124 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol. 199 sa 202 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 210 tal-proċess.

opportunita` li jkun assistit minn avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u in oltre huwa kkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament.[14]

Jirriżulta illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-8 ta' Ottubru 2010, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Tali stqarrija ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-istess jum. Dak iż-żmien il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt lill-persuna arrestata jew suspettata li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, stante illi tali dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-</u>*

[14] Ara a fol. 211 tal-proċess.

*<u>rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, liema stqarrija kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, kif ukoll ix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, bħala inammissibli u għalhekk qegħda tiskartahom, kif qed tiskarta wkoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija waqt ix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit, bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Skartata l-istqarrija tal-imputat odjern u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra l-provi rimanenti fl-atti. Jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, meta l-imputat kien detenut ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, huwa instab fil-pussess ta' sustanza ossia raża tal-*cannabis* u dan wara li kellu żjara ġewwa l-ħabs. Biss ma tirriżultax prova illi l-imputat ottjena s-sustanza misjuba fil-pussess tiegħu waqt din iż-żjara. Proprjament anke ix-xhieda dwar il-persuni li żaru lill-imputat dakinhar baqgħet biss *detto del detto.* Huwa evidenti għalhekk li fl-atti ma tirriżulta l-ebda prova in sostenn tal-ewwel imputazzjoni, li permezz tagħha, l-imputat ġie akkużat bit-traffikar tar-raża tal-*cannabis*, u lanqas ta' kompliċita` fl-istess reat.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, minkejja li kif ingħad, l-imputat instab fil-pussess tar-raża tal-*cannabis*, reat dan taħt l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis*, kollha jew biċċa minnha, ossia r-reat mertu tat-tieni imputazzjoni, jikkostitwixxi reat distint u separat u huwa kkontemplat fl-Artikolu 8(d) tal-istess Kap. 101. Għalhekk, fil-waqt illi jirriżulta illi s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet raża tal-*cannabis*, huwa ġie erronjament akkużat bil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis*. Isegwi fiċ-ċirkostanzi, illi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu.

Konsegwentement, la darba ma hija tinstab l-ebda reita` fl-imputat, lanqas ma jista' jinstab ħati talli huwa reċidiv.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Patrick Spagnol** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat